32006R0566



# REGOLAMENT TAL-KUMMISJONI (KE) Nru 566/2006

## tas-6 ta' April 2006

## li jemenda u jidderoga mir-Regolament (KE) Nru 2014/2005 dwar il-liċenzji taħt l-arranġamenti għall-importazzjoni tal-banana lejn il-Komunità f'dak li jirrigwarda l-banana li tkun tqiegħdet fiċ-ċirkulazzjoni ħielsa bir-rata tad-dazju tat-tariffa doganali komuni u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 219/2006 dwar l-istabbiliment u l-amministrazzjoni tal-kwota tariffarja għall-importazzjoni tal-banana tal-kodiċi NM 0803 00 19 li toriġina mill-pajjiżi AKP għall-perjodu mill-1 ta' Marzu sal-31 ta' Diċembru 2006

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1964/2005 tad-29 ta' Novembru 2005 dwar ir-rati tariffarji għall-banana [traduzzjoni mhix uffiċjali][1], u partikolarment l-Artikolu 2 tiegħu,

Billi:

(1) Biex jiġi żgurat segwitu xieraq tal-importazzjonijiet tal-banana fil-Komunità, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2014/2005[2], fl-Artikolu 1(1) tiegħu jipprevedi li ċ-ċirkolazzjoni ħielsa tal-banana bir-rata tariffarja doganali komuni stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1964/2005 hija soġġetta għall-preżentazzjoni ta' liċenzja ta' importazzjoni. L-Artikolu 1(5) ta' dan ir-Regolament jiffissa l-perjodu ta' validità ta' dawn il-liċenzji ta' importazzjoni għal tliet xhur.

(2) Biex tinkiseb malajr informazzjoni dwar il-kwantitajiet għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa fil-Komunità, il-perjodu ta' validità tal-liċenzji għandu jitqassar. Biex ikun żgurat li l-informazzjoni rilevanti tkun tikkorrispondi għas-sena kalendarja, il-perjodu ta' validità tal-liċenzji m'għandux jiġi estiż iktar wara l-31 ta' Diċembru.

(3) Għall-istess raġunijiet, u b'deroga mill-Artikolu 35(4) tar-Regolament tal-Kummissjoni Nru 1291/2000 tad-9 ta' Ġunju 2000 li jistabbilixxi regoli dettaljati komuni għall-applikazzjoni tas-sistema tal-liċenzji tal-importazzjoni u tal-

[1] ĠU L 316, 2.12.2005, p. 1.
[2] ĠI L 324, 10.12.2005, p. 3.

esportazzjoni u ta' ċertifikati ta' ffissar bil-quddiem għal prodotti agrikoli[3], il-perjodu li matulu l-operaturi għandhom jipprovdu prova lill-awtorità kompetenti li l-liċenzji intużaw għandu jitqassar.

(4) Biex tkun disponibbli informazzjoni fuq il-perjodu sħiħ ta' implimentazzjoni tal-arranġamenti tariffarji biss introdotti bir-Regolament (KE) Nru 1964/2005, it-tnaqqis tal-perjodu għas-sottomissjoni tal-prova tal-użu tal-liċenzji għandu japplika wkoll għal-liċenzji validi mill-1 ta' Jannar 2006, id-data li fiha jibda japplika r-Regolament (KE) Nru 2014/2005.

(5) L-indikazzjoni tal-oriġini tal-banana f'ċirkolazzjoni ħielsa fil-Komunità hija informazzjoni partikolarment importanti għas-segwitu tal-importazzjonijiet taħt l-arranġamenti introdotti bir-Regolament (KE) Nru 1964/2005. Biex din l-informazzjoni ssir disponibbli, għandha ssir dispożizzjoni biex il-liċenzji ta' importazzjoni jinħarġu għall-importazzjoni tal-banana minn oriġini speċifiku. Għal dan il-għan, għandha ssir distinzjoni bejn il-banana li toriġina mill-pajjiżi tal-AKP u l-banana li toriġina minn pajjiżi terzi oħra.

(6) Biex jiġi żgurat li s-suq ikun ikkontrollat kif xieraq, huwa neċessarju li tiġi ddefinita l-informazzjoni dwar il-prezzijiet u l-kwantitajiet li jitqiegħdu fuq is-suq li l-Istati Membri għandhom jitrażmettu lill-Kummissjoni.

(7) Sabiex jinkixfu u jiġu evitati dikjarazzjonijiet foloz mill-operaturi, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni l-lista tal-operaturi li joperaw taħt ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nri 219/2006[4] u 2015/2005 tad-9 ta' Diċembru 2005 dwar l-importazzjonijiet matul Jannar u Frar 2006 tal-banana li toriġina mill-pajjiżi tal-AKP taħt il-kwota tariffarja miftuħa mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1964/2005 dwar ir-rati tariffarji għall-banana[5].

(8) Ir-Regolament (KE) Nru 219/2006 jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 896/2001[6], minbarra l-Artikoli 21, 26 u 27 u l-Anness tiegħu, li għandhom jibqgħu applikabbli għall-importazzjonijiet li jsiru taħt ir-Regolament (KE) Nru 219/2006. Fl-interess taċ-ċarezza u taċ-ċertezza legali, il-kontenut ta' dawn id-dispożizzjonijiet għandu jiġi inkorporat fir-Regolament (KE) Nru 219/2006.

(9) Għalhekk, ir-Regolamenti (KE) Nru 2014/2005 u (KE) Nru 219/2006 għandhom jiġu emendati kif xieraq.

(10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ġestjoni tal-Banana,

---

[3] ĠU L 152, 24.6.2000, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1856/2005 (ĠU L 297, 15.11.2005, p. 7).

[4] ĠU L 38, 9.2.2006, p. 22.

[5] ĠU L 324, 10.12.2005, p.5.

[6] ĠU L 126, 8.5.2001, p. 6.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 2014/2005 għandu jiġi emendat kif ġej:

1) L-Artikolu 1 għandu jiġi emendat kif ġej:

a) fil-paragarfu 3, is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied:

"Il-kaxxa 8 tal-applikazzjonijiet għal liċenzja għandha tindika l-grupp tal-pajjiżi ta' oriġini "AKP" jew "mhux AKP" u l-kelma "Iva" għandha tkun ingassata b'salib."

b) fil-paragarfu 4, is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied:

"Il-kaxxa 8 tal-liċenzja għandha tindika l-grupp tal-pajjiżi ta' oriġini "AKP" jew "mhux AKP" u l-kelma "Iva" għandha tkun ingassataa b'salib."

c) il-paragrafu 5 għandu jinbidel bit-test li ġej:

«5. Il-liċenzji għandhom ikunu validi mill-jum attwali tal-ħruġ fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikolu 23(1) tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000 sal-aħħar tax-xahar wara l-ħruġ tagħhom. Madankollu, l-ebda liċenzja m'għandha tkun valida wara l-31 ta' Diċembru tas-sena tal-ħruġ.

Il-liċenzji ta' importazzjoni għandhom ikunu validi biss għall-importazzjonijiet li joriġinaw fil-grupp ta' pajjiżi indikat."

d) Il-paragrafu li ġej għandu jiżdied:

«6. B'deroga mill-Artikolu 35(4)(a) l-ewwel inċiż tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000, għandha tingħata l-prova tal-użu tal-liċenzja ta' importazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 33(1)(a) ta' dak ir-Regolament, ħlief f'każijiet ta' *force majeure*, fi żmien 30 jum mid-data tal-iskadenza tal-perjodu ta' validità tal-liċenzja."

2) L-Artikolu 2 għandu jinbidel bit-test li ġej:

*"Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni:

a) kull nhar ta' Erbgħa, il-prezzijiet bl-ingrossa tal-banana safra, imqassma skont il-pajjiż ta' oriġini jew il-grupp ta' pajjiżi ta' oriġini, kif ikunu l-ġimgħa ta' qabel fis-swieq rappreżentattivi elenkati fl-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 3223/94[7], imqassma skont il-pajjiż jew il-grupp ta' pajjiżi ta' oriġini;

[7] ĠU L 337, 24.12.1994, p. 66.'

b) mhux iktar tard mill-15 ta' kull xahar, il-kwantitajiet li għalihom ikunu nħarġu liċenzji ta' importazzjoni matul ix-xahar ta' qabel;

c) mhux iktar tard mill-15 ta' kull xahar, il-kwantitajiet, imqassma skont l-oriġini, koperti bil-liċenzji użati u li ntbagħtu lura lill-entità tal-ħruġ matul ix-xahar ta' qabel;

d) fuq talba miktuba mill-Kummissjoni, il-previżjonijiet tal-produzzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni.

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi trażmessa permezz tas-sistema elettronika indikata mill-Kummissjoni.

*Artikolu 2*

Ir-Regolament (KE) Nru 219/2006 għandu jiġi emendat kif ġej:

1) Fl-Artikolu 4, il-paragrafu 3, it-tieni inċiż għandu jinbidel bit-test li ġej:

"Il-lista tal-awtoritajiet kompetenti f'kull Stat Membru tinsab fl-Anness. Din il-lista hija emendata mill-Kummissjoni, fuq talba tal-Istati Membri interessati."

2) L-Artikolu 6 għandu jiġi emendat kif ġej:

a) il-paragrafu 2 għandu jinbidel bit-test li ġej:

«2. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni:

a) minn April 2006 sa Jannar 2007 inkluż, mhux iktar tard mill-15 ta' kull xahar, il-kwantitajiet tal-banana f'ċirkolazzjoni ħielsa matul ix-xahar preċedenti, abbażi tal-liċenzji mogħtija skont l-Artikolu 5(3);

b) mill-iktar fis possibbli u mhux iktar tard mit-30 ta' Ġunju 2006, il-kwantitajiet tal-banana f'ċirkolazzjoni ħielsa matul ix-xhur ta' Jannar u Frar, abbażi tal-liċenzji mogħtija skont l-Artikolu 6(3) tar-Regolament (KE) Nru 2015/2005;

L-informazzjoni msemmija fis-subparagrafu 1 għandha tiġi trażmessa permezz tas-sistema elettronika indikata mill-Kummissjoni."

b) il-paragrafu li ġej għandu jiżdied:

«3. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni, mhux iktar tard mit-28 ta' April 2006, il-lista tal-operaturi li joperaw taħt dan ir-Regolament u r-Regolament (KE) Nru 2015/2005.

Il-Kummissjoni tista' tikkomunika dawn il-listi lill-Istati Membri l-oħra."

3) Wara l-Artikolu 6, għandu jiżdied l-Artikolu 6a:

*"Artikolu 6a*
*Formalitajiet rigward iċ-ċirkolazzjoni ħielsa*

1. L-uffiċċji doganali fejn jiġu sottomessi d-dikjarazzjonijiet ta' importazzjoni għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa tal-banana għandhom:

   a) iżommu kopja ta' kull liċenzja ta' importazzjoni u estratt minnha ffirmati malli jkunu ġew approvati d-dikjarazzjonijiet għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa, u

   b) kull ġimgħatejn jitrażmettu t-tieni kopja ta' kull liċenzja ta' importazzjoni u estratt minnha ffirmati lill-awtoritajiet tal-Istat Membru, elenkati fl-anness.

2. L-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1(b), wara kull ġimgħatejn, għandhom jitrażmettu kopja tal-liċenzji u tal-estratti riċevuti lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li jkunu ħarġu dawn id-dokumenti.

3. Fejn ikun hemm dubju rigward l-awtentiċità tal-liċenzja, tal-estratt, jew f'kull informazzjoni dwar id-dokumenti ppreżentati jew il-firem ta' fuqhom, jew dwar l-istatus tal-operaturi li jkunu qegħdin ilestu l-formalitajiet għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa jew f'isem dawk li għalihom ikunu qegħdin jitlestew il-formalitajiet, u fejn ikunu ssuspettati irregolaritajiet, l-uffiċċji tad-dwana fejn dawn id-dokumenti jkunu ġew ippreżentati għandhom jgħarrfu minnufih bihom lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tagħhom. Dawn tal-aħħar għandhom jibagħtu minnufih din l-informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti li jkunu ħarġu d-dokumenti u lill-Kummissjoni, bil-għan ta' eżami bir-reqqa.

4. Fuq il-bażi tal-informazzjoni riċevuta skont il-paragrafi 1, 2 u 3, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri mniżżla fl-anness għandhom iwettqu l-kontrolli addizzjonali meħtieġa biex jiżguraw il-ġestjoni tajba tal-arranġamenti dwar il-kwota tariffarja u b'mod partikolari l-verifika tal-kwantitajiet importati taħt din l-iskema, permezz ta' taqbil preċiż tal-liċenzji u l-estratti maħruġa mal-liċenzji u l-estratti użati. Għal dan il-għan, għandhom jivverifikaw b'mod partikolari l-awtentiċità tad-dokumenti użati u d-dokumenti li jkunu ntużaw minn dawn l-operaturi."

4) Fl-Artikolu 8, it-tieni sentenza għandha titħassar.

5) It-test li jidher fl-Anness ta' dan ir-Regolament għandu jiżdied bħala Anness.

*Artikolu 3*

B'deroga mill-Artikolu 2(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 2014/2005, kif emendat b'dan ir-Regolament, l-informazzjoni dwar il-kwantitajiet koperti bil-liċenzji u mibgħuta lura lill-entità tal-ħruġ f'Jannar u Frar 2006 għandha tintbagħat fi żmien sebat ijiem mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 4*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 1(1)(d) għandu japplika għal-liċenzji validi mill-1 ta' Jannar 2006.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 6 ta' April 2006.

*Għall-Kummissjoni*
*Mariann FISCHER BOEL*
*Membru tal-Kummissjoni*

**ANNESS**

**"ANNESS**

L-Awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri:

Il-Belġju
Bureau d'intervention et de restitution belge/Belgisch Interventie- en Restitutiebureau
Rue de Trèves, 82/Trierstraat 82
B - 1040 Bruxelles/Brussel

Ir-Repubblika Ċeka
**Státní zemědělský intervenční fond**
Ve Smečkách 33
CZ-110 00 Praha 1

Id-Danimarka
Ministeriet for Fødevarer, Landbrug og Fiskeri
Direktoratet for Fødevareerhverv; Eksportstøttekontoret
Nyropsgade, 30
DK - 1780 København V

Il-Ġermanja
Bundesanstalt für Landwirtschaft und Ernährung
Referat 322
Deichmanns Aue 29
D – 53179 Bonn

L-Estonja
Põllumajanduse Registrite ja Informatsiooni Amet
Toetuste osakond, kaubandustoetuste büroo
Narva mnt. 3
EE - 51009 Tartu

Il-Greċja
OKEPEKE (ex-GEDIDAGEP)
Directorate Fruits and Vegetables, Wine and Industrial Products
241, Acharnon Street
GR – 10446 Athens.
ΟΠΕΚΕΠΕ
Δ/ΝΣΗ ΟΠΩΡΟΚΗΠΕΥΤΙΚΩΝ, ΑΜΠΕΛΟΟΙΝΙΚΩΝ ΚΑΙ ΒΙΟΜΗΧΑΝΙΚΩΝ ΠΡΟΪΟΝΤΩΝ
ΑΧΑΡΝΩΝ 2
Τ.Κ. 10446, ΑΘΗΝΑ.

Spanja
Ministerio de Industria, Turismo y Comercio
Secretaría General de Comercio Exterior
Paseo de la Castellana, 162
E - 28046 Madrid

Franza
Office de développement de l'économie agricole des départements d'outre-mer (ODEADOM)
46-48, rue de Lagny
F - 93104 MONTREUIL CEDEX

L-Irlanda
Department of Agriculture & Food
Crops Policy & State Bodies Division
Agriculture House (3W)
Kildare Street
Dublin 2
Ireland

L-Italja
Ministero delle Attività Produttive
Direzione Generale per la Politica Commerciale – Div. II
Viale Boston, 25
I - 00144 Roma

Ċipru
**Υπουργίο Εμπορίου, Βιομηχανίας και Τουρισμού**
**1421 Λευκωσία**
Il-Latvja

Zemkopības ministrijas
Lauku atbalsta dienests
Tirdzniecības mehānismu departaments
Licenču daļa
Republikas laukums 2
Rīga, LV -1981

Il-Litwanja
**Nacionalinė mokėjimo agentūra**
**Užsienio Prekybos Departamentas**
Blindžių g. 17
LT – 08111 Vilnius

Il-Lussemburgu
Ministère de l'agriculture/Administration des services techniques de l'agriculture
Service de l'horticulture
16, Route d'Esch
Boîte postale 1904
L - 1014 Luxembourg

L-Ungerija
Magyar Kereskedelmi Engedélyezési Hivatal
Margit krt. 85
HU-1024 Budapest

Malta
Ministeru ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent
Divizjoni tas-Servizzi Agrikoli u Zvilupp Rurali
Agenzija tal-Pagamenti
Trade Mechanisims
Centru Nazzjonali tas Servizzi Agrikoli u Zvilupp Rurali Ghammieri Marsa CMR 02 Malta

L-Olanda
Produktschap Tuinbouw
Louis Pasteurlaan 6
Postbus 280
2700 AG Zoetermeer
Nederland

L-Awstrija
Agrarmarkt Austria
Dresdner Strasse 70
A - 1200 Wien

Il-Polonja
Agencja Rynku Rolnego
Biuro Administrowania Obrotem Towarowym z Zagranica
ul. Nowy Świat 6/12
00-400 Warszawa
Polska

Il-Portugall
Ministério das Finanças
Direcção-Geral das Alfândegas e dos Impostos Especiais sobre o Consumo
Direcção de Serviços de Licenciamento
Rua Terriero do Trigo – Edifício da Alfândega
P – 1149-060 Lisboa

Is-Slovenja
Agencija RS za kmetijske trge in razvoj podeželja
Oddelek za zunanjo trgovino
Dunajska cesta 160
SI-1000 Ljubljana

Is-Slovakkja
Pôdohospodárska platobná agentúra
Dobrovičová 12
SK-815 26 Bratislava

Il-Finlandja
Maa- ja Metsätalousministeriö
PL 30
FIN – 00023

Valtioneuvosto, Helsinki

L-Iżvezja
Jordbruksverket
Interventionsenheten
S - 551 82 Jönköping

Ir-Renju Unit
Rural Payment Agency
External Trade Division
Lancaster House
Hampshire Court
Newcastle Upon Tyne
NE4 7YH
Royaume-Uni»